kienet lemmet u xandret ix-xogħol tagħha. Xi ħjiel tax-xogħol li kellu jsir minnha narawh fil-Muftieħ tal-Kitba Maltija ta' Ġanni Vassallo, b'sistema li hi l-iktar ixxurtjata fost dawk ta' qabel, għax sakemm il-kitba tal-Għaqda ma daħlitx bħala kitba uffiċjali fl-amministrazzjoni tal-Gvern, fl-Iskejjel u fil-Qrati, hija biss li beqgħet tidher fl-aħjar kotba, bħala l-aktar sistema grammatikali u popolari, u biha wkoll inqeda l-Gvern malli daħal il-Malti fil-Gazzetta tal-Gvern u fl-Atti l-oħra uffiċjali sakemm fl-aħħarnett bis-saħħa ta' l-Ittri Patenti ta' l-1934, il-Gvern kellu s-setgħa jdaħħal il-Malti bħala lsien uffiċjali tal-Qrati u bħala materja ta' tagħlim fl-Iskejjel u għalhekk qata' li għall-kitba u pubblikazzjonijiet Governattivi jinqeda bis-sistema tal-Għaqda.

*Illum il-Għaqda, b'iħet iċ-ċirkustanzi tal-ħajja ġdida fit-tmexxija ta' l-amministrazzjoni tal-pajjiż, setgħet twaqqaf riġlejha fuq art soda. Hija kellha x-xorti tgħix s'issa ħajja bizżejjed twila, l-itwal u l-isbaħ waħda fost dawk ta' qabilha. Minn mindu nħolqot, kulħadd jaf xi swiet għal-letteratura maltija. Minnha l-ewwel nett tnisslu fergħat oħra, u għalhekk, tista' tgħid, hija l-Omm tagħhom. Mill-Għaqda nistgħu ngħidu nibtet is-sistema tat-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel u fl-Università u minnha, u mill-moviment li qajmet, jekk toqgħod tifli ċ-ċirkustanzi kollha, inħolqot il-Kattedra tal-Letteratura u Filoloġija Maltija fl-Università, —imsejħa b'isem iżjed fil-wisa' ta' Kattedra tal-Lsien Malti u ta' l-Ilsna Orientali.*

*Għalhekk is-sena 1945 tfisser rebħa għall-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti *u għall-Għaqdiet kollha li tnisslu minnha.*

---

## SAN ĠUŻEPP

*Ta'* R. M. B.

Inti kbir... Ġesù... tal-għaġeb...
għax Int Alla ! — Int... Marija...
kbira wkoll... għax Int Omm Alla !
U b'kull sedq minnu mimlija !

W Int Ġużeppi... Biex ifaħħrek
Kif jixraqlek, l-ema lsien
fuq din l-art, jista' qatt jasal ? !
Żewġ kelmiet se'r ngħidlek jien :

Illi mfawra minn qiegħ qalbi,
fuq is-sewwa se'r indomm :
Inti l-Kap Qaddis u Safi
t'Alla Nnifsu u Tiegħu l-Omm !



# It-Taqbida tal-Ħajja

*(Minn "Les Misérables" ta' Victor Hugo)*

*Traduzzjoni ta'* NIKOL BIANCARDI

*Min jaqra l-kbir rumanz "Les Misérables" ta' Victor Hugo, tista' tgħid fil-bidu, jiltaqa' ma' kapitlu li bil-kemm isib li għandu x'jaqsam mal-ġrajja: tixbiha ta' raġel qiegħed jegħreq mat-taqbida tal-ħajja.*

RAĠEL waqa' l-baħar !

X'jimporta ? Il-vapur ma jieqafx. Ir-riħ qiegħed jonfoħ; dak il-vapur sewdieni jeħtieġ jibqa' sejjer sakemm jasal fejn għandu jasal. Huwa jibqa' għaddej.

Ir-raġel igħib, jerġa' jfeġġ; huwa jogħdos bla ma jrid u jerġa' jitla' fil-wiċċ, huwa jgħajjat, ixejjer idejh; ħadd ma jisimgħu; il-vapur, jitħabat mal-burraxka, rass kull ħabel; l-ekwipaġġ u l-passiġġieri ma humiex jaraw aktar lir-raġel li qed jegħreq; ir-ras imsejkna tiegħu ma hix għajr tikka fil-kobor ta' dawk il-mewġiet.

Ir-raġel igħajjat għajjat fañxi f'dak il-baħar kollu. X'waħx huwa għalih dak il-bastiment li qiegħed igħib. Huwa jħares lejh; bħal wieħed miġnun ! Il-vapur jibqa' sejjer; kull ma jmur jiċkien sakien igħib għal kollox. Sa ftit ilu dak ir-raġel kien qiegħed fuqu; huwa kien wieħed min-nies ta' l-ekwipaġġ; huwa ma' l-oħrajn, kien qiegħed jiġġerra fuq il-kverta; kien qiegħed igawdi l-arja u x-xemx; kien raġel mimli ħajja. Issa, x'sar minnu ? Huwa żelaq u waqa' sejjer il-baħar. Issa qiegħed jintemm.

Huwa jinsab fuq qiegħ tal-biża'. Taħt riġlejh ma għandu xejn għajr ilma li jiżloq. Il-mewġiet imħarbtin u mgerfxin bir-riħ, qegħdin iduru għalih b'mod li jwaħħax; il-ħalel qegħdin jobormuh magħhom; bexxiet ta' ilma qegħdin igħaddu minn fuq rasu; kotra ta' mewġ qiegħed jobżoqlu f'wiċċu; fetħiet imħabbla ta' baħar qegħdin jiblgħuh sa nofsu : meta jinżel huwa jilmaħ dagħbien kollu mdallam; huwa jħoss li ma jiflaħx jitqabad aktar; ġismu tħallat mar-ragħwa; il-mewġiet ibandluh minn waħda għal oħra : huwa jħoss il-morr tal-ħajja : ir-regħba ta' l-oċejan li jrid jiblgħu; li jrid jinkih fl-agunija tiegħu. Dan kollu donnu ma hux għajr mibegħda baħrija.